DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

19 ta' Mejju 2009 *

Fil-Kawża C-166/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Amtsgericht Büdingen (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' April 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' April 2008, fil-proċeduri kriminali kontra

Guido Weber,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn A. Ó Caoimh, President tal-Awla, A. Arabadjiev u U. Lõhmus (Relatur), Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: R. Grass,

peress li l-Qorti tal-Ġustizzja qed tipproponi li tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/397/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1989, dwar il-kontroll uffiċjali ta' oġġetti tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 5).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra G. Weber, amministratur ta' Routhier Weber GmbH (iktar 'il quddiem "Routhier Weber"), akkużat li qiegħed fis-suq oġġett tal-ikel taħt denominazzjoni qarrieqa.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

Il-kontroll ta' oġġetti tal-ikel

3 Sal-31 ta' Diċembru 2005, il-kontroll uffiċjali ta' oġġetti tal-ikel kien irregolat mid-Direttiva 89/397.

4 Skont it-tlettax-il premessa ta' din id-direttiva:

"Billi minkejja li, min-naħa l-waħda, l-impriżi m'għandhomx ikollhom id-dritt li jopponu għall-spezzjonijiet, min-naħa l-oħra d-drittijiet leġittimi tagħhom għandhom jiġu mħarsa, b'mod partikolari d-dritt tas-segretezza tal-manifattura u d-dritt ta' l-appell".

5 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-Ispezzjonijiet għandhom isiru:

a) regolarment,

b) fejn ikun suspett ta' nuqqas ta' konformità.

2. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu permezz ta' mezzi proporzjonali għall-għan li għandu jiġi osservat.

3. L-ispezzjoni għandha tkopri l-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-manifattura, ta' l-importazzjoni lejn il-Komunità, ta' l-ipproċessar, tal-ħażna, tat-trasport, u tad-distribuzzjoni u l-kummerċ.

[…]"

6 Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 89/397:

"Il-kontroll għandu jikkonsisti f'waħda jew iżjed mill-operazzjonijiet li ġejjin skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 9 u fid-dawl ta' l-eżami li għandu jsir:

1) spezzjoni,

2) teħid ta' kampjuni u analiżi;

[…]"

7 Skont l-Artikolu 6 ta' din id-direttiva:

"1. Dan li ġej għandu jkun suġġett għall-spezzjoni:

[…]

d) il-prodotti lesti;

[…]

h) l-ittikkettjar u l-preżentazzjoni tal-prodotti ta' l-ikel;

[…]"

8 L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva jipprovdi dan li ġej:

"1. Il-kampjuni tal-prodotti enumerati fl-Artikolu 6(1)(b) sa (f) jistgħu jittieħdu għall-iskop ta' l-analiżi.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw illi dawk li huma suġġetti għal spezzjoni jistgħu japplikaw għat-tieni opinjoni.

2. L-analiżi għandhom isiru minn laboratorji uffiċjali.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu s-setgħa lil-laboratorji oħra biex jagħmlu dawn l-analiżi."

9 Fl-Artikolu 10 tal-istess direttiva hemm previst:

"Fejn l-ispetturi jiskopru jew jissusspettaw xi irregolarità, dawn għandhom jieħdu l-miżuri rekwiżiti."

10 L-Artikolu 12 tad-Direttiva 89/937 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi żgurat illi l-persuni naturali jew legali li ssirilhom l-ispezzjoni ikollhom dritt ta' appell kontra l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti għall-iskop ta' l-ispezzjoni.

[…]"

Id-denominazzjoni ta' oriġini "feta"

11 Fid-dritt Komuntarju, it-terminu "feta" huwa protett bħala denominazzjoni ta' oriġini. Dan ġie rreġistrat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1829/2002, tal-14 ta' Ottubru 2002, li jemenda l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1107/96 rigward l-isem "Feta" (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 37, p. 195), fir-reġistru previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, tal-14 ta' Lulju 1992, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni tal-oriġini

tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 1).

12 Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 2081/92:

"1. Sabiex ikunu eliġibbli biex jużaw denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO) jew indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) il-prodotti agrikoli jew il-prodotti ta' l-ikel għandhom jikkonformaw ma' ċerti speċifikazzjonijiet.

2. L-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għandha tinkludi ta' mill-inqas dawn li ġejjin:

[…]

b) deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-prodott ta' l-ikel inkluża l-materja prima, fejn ikun xieraq, u l-karatteristiċi prinċipali fiżiċi, kimiċi, mikrobioloġiċi u/jew organolettiċi tal-prodott jew l-ikel;

[…]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

13 Il-Kodiċi dwar l-oġġetti tal-ikel, il-prodotti ta' konsum regolari u l-oġġetti intiżi għall-għalf tal-annimali (Lebensmittel- Bedarfsgegenstände- und Futtermittelgesetzbuch), fil-verżjoni tiegħu li tapplika għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem "LFGB"), fl-Artikolu 11 tiegħu intitolat "Dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni kontra l-prattiki qarrieqa" jipprovdi:

"1) Huwa pprojbit li jitqiegħdu fis-suq, fuq bażi professjonali, oġġetti tal-ikel taħt denominazzjoni qarrieqa jew b'indikazzjonijiet jew preżentazzjoni qarrieqa jew li jiġu rreklamati b'mod ġenerali jew f'każ partikolari permezz ta' preżentazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet oħra qarrieqa. B'mod partikolari, ikun hemm prattika qarrieqa

1. meta fir-rigward ta' oġġett tal-ikel, ikunu użati denominazzjonijiet, indikazzjonijiet, preżentazzjonijiet, deskrizzjonijiet jew dikjarazzjonijiet oħra li jistgħu jqarrqu dwar il-karatteristiċi tiegħu, b'mod partikolari, dwar it-tip, il-kwalità, il-kompożizzjoni, it-tul ta' żmien li jista' jinħażen, l-oriġini, il-provenjenza jew il-mod kif inhu mmanufatturat jew prodott dan l-oġġett;

[….]"

14 Skont l-Artikolu 43 tal-LFGB, intitolat "Teħid ta' kampjuni":

"1) L-ispetturi u, fil-każ ta' urġenza, l-uffiċjali tal-pulizija għandhom is-setgħa li, taħt għoti ta' rċevuta, jeżiġu jew jieħdu kampjuni li huma jagħżlu sabiex jiġu eżaminati. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra adottati abbażi ta' din il-liġi, parti mill-kampjun jew, meta dan il-kampjun mhuwiex diviżibbli jew ma jistax ikun diviż f'partijiet ta' kompożizzjoni identika mingħajr ma jiġi kompromess l-għan tal-eżami, parti oħra, tal-istess natura u prodotta mill-istess manifattur tal-parti meħudha bħala kampjun, għandha titħalla fuq il-post. Il-manifattur jista' jirrifjuta li dan il-kampjun jitħalla fuq il-post.

2) Il-kampjuni li jitħallew fuq il-post għandhom ikunu, b'mod uffiċjali, imsakkra jew issiġillati. Fuqhom għandha titpoġġa d-data tat-teħid tal-kampjun u d-data li warajha l-kampjun ma jibqax ikkunsidrat li huwa msakkar jew issiġillat.

3) Il-persuna li magħha jitħalla l-kampjun fuq il-post, iżda li mhijiex il-manifattur, għandha l-obbligu li taħżnu u tippreżervah b'mod approprjat u, fuq talba tal-manifattur, bi spejjeż u riskji għalih, għal finijiet ta' analiżi, tgħaddih lil espert privat indikat mill-manifattur stess u rikonoxxut mid-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam tas-sigurtà fl-ikel.

[…]".

15 L-Artikoli 59 u 60 tal-LFGB jipprevedu sanzjonijiet kriminali u multi amministrattivi. L-Artikolu 59 tal-LFGB jipprovdi:

"1) Jeħel piena ta' mhux iktar minn sena priġunerija jew multa

[…]

7. kull min, bi ksur tal-punt 1 tal-Artikolu 11(1), iqiegħed fis-suq oġġett tal-ikel taħt denominazzjoni qarrieqa jew b'indikazzjonijiet jew preżentazzjoni qarrieqa jew li jiġi rreklamat permezz ta' preżentazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet oħra qarrieqa, […]

[…]".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

16 Fit-2 ta' Novembru 2005, l-Amt für Veterinärwesen und Lebensmittelüberwachung (Awtorità veterinarja u ta' kontroll tal-oġġetti tal-ikel) ta' Vechta (il-Ġermanja), ħadet kampjun ta' oġġett tal-ikel minn ħanut tan-negozju għall-bejgħ bl-imnut li jaqa' taħt il-kompetenza territorjali tagħha. Fuq l-imballaġġ tal-prodott kien hemm imniżżel id-denominazzjoni "Fresca d'Oro, Feta — original griechischer Schafskäse — aus Schaf-

und Ziegenmilch in Salzlake gereift" (Feta Fresca d'Oro — ġobon tal-ħalib tan-ngħaġ fis-salmura ta' oriġini Griega, magħmul mill-ħalib tan-ngħaġ u tal-mogħoż).

17 Il-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien importat mill-Greċja fil-Ġermanja minn Routhier Weber. Sussegwentement, huwa tqassam fil-ħanut ikkonċernat permezz ta' żewġ intermedjarji bl-isem "ZHG Offenburg" u "Zentrale Gronau".

18 Skont l-Artikolu 1 tad-Digriet Ministerjali Grieg Nru 313025 tal-11 ta' Jannar 1994 dwar ir-rikonoxximent tad-denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO) tal-ġobon feta, id-denominazzjoni "feta" hija rrikonoxxuta bħala denominazzjoni protetta ta' oriġini għal ġobon abjad fis-salmura li huwa tradizzjonalment prodott fil-Greċja u, b'mod konkret, fir-reġjuni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, magħmul mill-ħalib tan-ngħaġ jew minn taħlita ta' dan tal-aħħar mal-ħalib tal-mogħoż.

19 Il-Lebensmittelinstitut Braunschweig (laboratorju għall-analiżi tal-oġġetti tal-ikel ta' Brunswick) li jagħmel parti min-Niedersächsisches Landesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (Awtorità reġjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur u tas-sigurtà fl-ikel tal-Basse-Saxe), li analizza l-kampjun inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikkonstata kontentut ta' 21 % ta' ħalib tal-baqar (madwar 2 %). Il-limitu ta' estrazzjoni huwa stabbilit għal 3 %. Konsegwentement, huwa kkwalifika d-denominazzjoni, imsemmija iktar 'il fuq, bħala qarrieqa fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 11(1) tal-LFGB u ressaq ilment.

20 Meta kien ittieħed il-kampjun inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kampjun ieħor kien tħalla fuq il-post fil-friżer tal-ħanut fejn kien ittieħed dan il-kampjun. La l-produttur tal-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali u lanqas ZHG Offenburg ma kienu informati bit-teħid tal-kampjun u bil-ħażna ta' kampjun ieħor fuq il-post.

21 Il-kumpannija Routhier Weber, li ma kinitx tissemma fuq l-ittikkettjar tal-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali, lanqas ma kienet informata bit-teħid tal-kampjun jew bl-eżistenza tat-tieni kampjun. Hija saret taf għall-ewwel darba bl-analiżi tal-kampjun fil-21 ta' Marzu 2006, jiġifieri kważi tliet xhur wara d-data ta' skadenza tal-imsemmi prodott. Minn dak il-mument, ma kienx hemm possibbiltà ta' tieni opinjoni.

22 Fit-22 ta' Diċembru 2006, Staatsanwaltschaft Gießen (Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Gießen) akkuża lill-amministratur ta' Routhier Weber, G. Weber, li qiegħed fis-suq oġġett tal-ikel taħt denominazzjoni qarrieqa, bi ksur tal-punt 1 tal-Artikolu 11(1) tal-LFGB, u talab li jinfetħu proċeduri kriminali.

23 Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-akkużat, li qiegħed fis-suq il-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistax jitqies li huwa wieħed minn dawk li huma suġġetti għal spezzjoni fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 89/397, u fil-każ li jkun hekk, jimplika li għandu d-dritt jitlob l-analiżi tat-tieni kampjun sabiex tingħata t-tieni opinjoni.

24 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, l-Amtsgericht Büdingen iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-kunċett ta' 'dawk li huma soġġetti għal spezzjoni' li jinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-direttiva 89/397 [...], għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma jirreferix biss għall-produttur, iżda wkoll għal kull persuna li tqiegħed fis-suq l-oġġett tal-ikel inkwistjoni, sa fejn din għandha tinżamm responsabbli amministrattivament jew kriminalment għall-istat ta' dan l-oġġett tal-ikel jew għall-ittikkettjar tiegħu?"

Fuq id-domanda preliminari

25 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura, fil-każ li t-tweġiba għal domanda preliminari tkun tista' tiġi kjarament dedotta mill-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara li tkun semgħet lill-Avukat Ġenerali, tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat, li għandu jkun fih referenza għall-ġurisprudenza kkonċernata.

26 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata f'din il-kawża.

27 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 89/397 għandux jiġi interpretat fis-sens li għandha titqies li hija waħda minn "dawk li huma soġġetti għal spezzjoni", fis-sens ta' din id-direttiva, kumpannija li tkun importat imbagħad qiegħdet fis-suq prodott tal-ikel, u li l-amministratur tagħha jista', abbażi ta' analiżi ta' kampjun ta' dan il-prodott meħud f'ħanut tan-negozju għall-bejgħ bl-imnut, ikun suġġett għal proċeduri amministrattivi jew kriminali minħabba l-istat ta' dan l-oġġett tal-ikel jew minħabba l-ittikkettjar tiegħu.

28 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li mill-istess kliem tal-imsemmija direttiva jirriżulta li kull Stat Membru għandu jagħti d-dritt għat-tieni opinjoni lill-operaturi kkonċernati (sentenza tal-10 ta' April 2003, Steffensen, C-276/01, Ġabra p. I-3735, punt 42).

29 F'dan il-każ, mill-punti 21 u 22 ta' dan id-digriet jirriżulta li, minn naħa, il-kumpannija Routhier Weber la kienet informata bit-teħid tal-kampjun u lanqas bl-eżistenza tat-

tieni kampjun u, min-naħa l-oħra, li l-amministratur ta' din il-kumpannija ġie akkużat, wara li ttieħdu dawn il-miżuri ta' kontroll, li qiegħed fis-suq prodott tal-ikel taħt denominazzjoni qarrieqa.

30 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li t-tieni opinjoni hija intiża sabiex tipproteġi d-drittijiet leġittimi tal-operaturi u, b'mod partikolari, id-dritt ta' appell mill-miżuri meħuda għall-finijiet tal-ispezzjoni (sentenza Steffensen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48).

31 Minn dan isegwi li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ikunu nfetħu proċeduri kriminali kontra persuna bħala l-amministratur ta' kumpannija importatriċi ta' prodott tal-ikel, abbażi ta' riżultati ta' analiżi ta' kampjuni ta' dan il-prodott meħuda minn għand bejjiegħ bl-imnut, l-imsemmija kumpannija għandha titqies li hija waħda minn dawk li huma suġġetti għal spezzjoni, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 89/397 (ara, b'analoġija, is-sentenza Steffensen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49).

32 Huwa veru li, b'differenza għall-fatti fil-kawża li wasslet għas-sentenza Steffensen, iċċitata iktar 'il fuq, il-kawża prinċipali tirrigwarda proċeduri kriminali u mhux amministrattivi, u mhijiex kwistjoni ta' "appell" quddiem qorti, iżda azzjoni diretta ta' qorti wara l-akkużi mressqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur. Madankollu, anki jekk fl-ewwel lok l-Artikolu 10 tad-Direttiva 89/397 jidher li jkopri miżuri amministrattivi, mill-imsemmija sentenza jirriżulta li l-Istati Membri jaġixxu wkoll fil-kuntest ta' din id-direttiva anki meta jaraw li tkun osservata l-leġiżlazzjoni dwar l-oġġetti tal-ikel permezz ta' miżuri repressivi, kif tirrileva l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej. Issa, id-drittijiet tad-difiża, mogħtija mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tal-imsemmija direttiva, għandhom importanza partikolari fil-kuntest ta' proċeduri kriminali.

33 Barra minn hekk, il-fatt li fil-kawża prinċipali l-importatur mhux imsemmi fuq l-ittikkettjar tal-prodott inkwistjoni ma għandux iżomm milli jiġi eżerċitat id-dritt għat-tieni opinjoni. Fil-fatt, mill-kliem tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 89/397 u tal-elenku ta' stadji differenti meta jitwettaq il-kontroll, jirriżulta li l-azzjoni amministrattiva u/jew

repressiva, tista' tolqot numru kbir ta' persuni, li jmur ħafna iktar lil hinn minn dawk imsemmija fuq l-ittikkettjar b'konformità mar-regoli Komunitarji dwar l-oġġetti tal-ikel.

34 Fid-dawl ta' dak li ntqal, ir-risposta għad-domanda għanda tkun li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 89/397 għandu jiġi interpretat fis-sens li għandha titqies li hija waħda minn "dawk li huma soġġetti għal spezzjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, kumpannija li tkun importat imbagħad qiegħdet fis-suq prodott tal-ikel, u li l-amministratur tagħha jista', abbażi ta' analiżi ta' kampjun ta' dan il-prodott meħud f'ħanut tan-negozju għall-bejgħ bl-imnut, ikun suġġett għal proċeduri amministrattivi jew kriminali minħabba l-istat tal-imsemmi oġġett tal-ikel jew minħabba l-ittikkettjar tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

35 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/397/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1989, dwar il-kontroll uffiċjali ta' oġġetti tal-ikel, għandu jiġi interpretat fis-sens li għandha titqies li hija waħda minn "dawk li huma soġġetti

għal spezzjoni" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, kumpannija li tkun importat imbagħad qiegħdet fis-suq prodott tal-ikel, u li l-amministratur tagħha jista', abbażi ta' analiżi ta' kampjun ta' dan il-prodott meħud f'ħanut tan-negozju għall-bejgħ bl-imnut, ikun suġġett għal proċeduri amministrattivi jew kriminali minħabba l-istat tal-imsemmi oġġett tal-ikel jew minħabba l-ittikkettjar tiegħu.

Firem